

Domanda preliminari

In-nomenklatura elenkata fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽²⁾, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-prodott "AURIC GMO FREE", inkwistjoni fit-tilwima preżenti, jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 17 029 095 jew taħt is-subintestatura 29 124 900 ta' din in-nomenklatura?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.

⁽²⁾ ĠU 2016, L 294, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 329, p. 119 u fil-ĠU 2017, L 150, p. 19.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Vicenza (l-Italja) fil-15 ta' Novembru 2019 – AV vs Ministero della Giustizia, ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-834/19)

(2020/C 54/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Vicenza

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AV

Konvenuti: Ministero della Giustizia, ir-Repubblika Taljana

Domanda preliminari

L-orjentament nazzjonali li teskludi mill-kunċett ta' "ħaddiem part-time" imsemmi fil-klawżola 2 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1997/81/KE u mill-kunċett ta' "ħaddiem għal żmien determinat" imsemmi fil-klawżola 2 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE il-Giudice Onorario di Tribunale (GOT) [Ġudikant Onorarju - professjonist legali awtorizzat li jaqta' kwistjonijiet ġuridiċi] li jwettaq ix-xogħol tiegħu permezz tal-modalitajiet (deskritti f'dan il-każ), li jikkarakterizzaw il-provvista ta' servizz mogħti minn AV tipprekludi t-tweqqif tal-effett utli tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol *part-time* konkluż mill- UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC ⁽¹⁾ u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP ⁽²⁾?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.